A.L. 48 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 9)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 9).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-14 ta' Mejju, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Is-Sgħajtar, limiti Naxxar:

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,810 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata A fuq L.D. 91A/90;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,066 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata B fuq L.D. 91A/90.

(2) Erba' blokkijiet ta' flats kontigwi magħrufin bħala Binja Kordin f'Raħal il-Ġdid, kif ġej:

(a) Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata A fuqha. L-imsemmi blokk imiss mit-Tramuntana u Lvant ma' triq pubblika u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern:

(b) Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem

Entrata B fuqha. L-imsemmi blokk imiss mit-Tramuntana u Punent ma' triq pubblika u mil-Lvant u Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern;

(ċ) Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata C fuqha. L-imsemmi blokk imiss mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mit-Tramuntana u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(d) Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata D fuqha. L-imsemmi blokk imiss mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mit-Tramuntana u Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

Il-blokkijiet ta' flats fuq deskritti inbnew fuq proprjetà tal-Gvern li tagħmel parti minn Tenement 50717, u delineati bl-aħdar fuq L.D. 60/92.

(3) Flat numru 8, Qasam tad-Djar Fuq tal-Blat, Qormi (Kuntratt Nru. 62/78 tat-22 ta' Marzu, 1978 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(4) Dar bin-numru 34, Triq Antonio Chircop, Qrendi (Tenement No. 71292).

(5) Flat numru 6, Blokk 9, Bieb 11, Misraħ Dorell, Santa Luċija (Tenement No. 64426).

(6) Flat numru 10, Blokk F, Triq il-Peprin, Santa Luċija (Tenement No. 70913).

(7) Dar bin-numru 7, Blokk O, Triq ir-Rummien, San Ġwann (Tenement No. 67709).

(8) Dar bin-numru 6, Government Terrace Houses, Triq Sannat, Rabat, Għawdex (Tenement No. 60296).